# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 12 ta' April 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 27/2022 JVC**

**Christiana Bosede Ademisoye maghrufa bhala Christiana Bosede Ademisoye Abiodun detentriċi tal-passaport Niġerjan numru A11930777**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Christiana Bosede Ademisoye kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1) 'Illi ir-rikorrenti Christiana Bosede Ademisoye Abiodun twieldet nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (1978) ġewwa Mushin, Lagos fin-Niġerja. Illi kif jidher mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kopja ta' liema ġie irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u li għandu in-numru ta' iskrizzjoni ħames mija u ħmistax tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (515/2021) (hawn anness u mmarkat bħala Dok.A) dakinhar tat-twelid ir-rikorrenti ingħatat l-isem ta' Christiana Bosede Ademisoye.

2) Illi eventwalment fil-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) is-sinjura Ademisoye Abiodun iżżewġet lil żewġha Daniel Ademisoye Abiodun ġewwa Lagos fin-Niġerja. Illi fin-Niġerja il-bidla fil-kunjom tal-mara ma ssirx dakinhar taż-żwieġ iżda in-nisa ikollhom l-għażla illi jagħmlu dan iktar il quddiem billi jippreżentaw affidavit ġuramentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Għolja u dan kif jidher mill-ittra provduta minn Avukat fin-Niġerja (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B);

3) Illi is-sinjuri Ademisoye Abiodun, ġew joqgħodu f'pajjiżna fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) u ilhom jgħixu hawnhekk għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin (21) sena. Illi filfatt kemm ir-rikorrenti u kif ukoll żewġha applikaw għaċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni u filfatt huma ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (kopja taċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza hawn anness u mmarkat bħala Dok. C);

4) Illi ġara illi meta ir-rikorrenti marret sabiex jinħarġilha il-passaport Malti ġiet infurmata illi peress illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ

kopja ta′ liema ġie irreġistrat ġewwa ir-Reġistru Pubbliku ta′ Malta u li għandu in-numru ta′ iskrizzjoni elf u erbgħa u sebgħin tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (1074/2021) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. D) huma mniżżel bħala Ademisoye hija ma setgħax jinħarġilha il-passaport kif talbet u ċioe bil-kunjom ta′ Ademisoye Abiodun.

5) Illi dwar dan għandu jingħad illi ma huwiex għal kollox korrett dak imniżżel fil-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ illi qiegħed reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta′ Malta illi il-miżżewġin għażlu li jżommu kunjomhom ta′ qabel iż-żwieġ stante illi kif spjegat iżjed il-fuq il-proċedura ġewwa in-Niġerja hija differenti minn dik ta′ pajjiżna

6) Illi filfatt is-sinjura Ademisoye Abiodun ilha tuża dan il-kunjom sa minn meta iżżewġet u dan huwa anke evidenzjat miċ-ċertifikat maħruġ f′isimha mill-Universita′ ta′ Malta meta iggradwat bħala infermiera f′Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. E).

7) Illi inoltre, ir-rikorrenti uffiċjalment biddlet kunjomha għal Ademisoye Abiodun permezz ta′ affidavit ġuramentat illi ġie ppreżentat fil-High Court of Justice tal-Istat ta′ Oyo fin-Nigerja fl-Ibadan Judicial Division datat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta′ Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. F);

8) Illi għal kull buon fini qiegħed anke jiġi ippreżentat affidavit maħluf illi is-sur Daniel Ademisoye Abiodun kien għamel fil-High Court of Justice ta′ Lagos fil-Lagos Judicial Division fit-tnax (12) ta′ Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. G) fejn huwa iddikjara illi kunjomu kien Ademisoye

Abiodun stante illi kien hemm xi drabi fejn kien ikun indirizzat bħala Abiodun Ademisoye minflok.

9) Illi il-passaport Niġerjan tar-rikorrenti huwa maħruġ taħt l-isem ta' Christiana Bosede Ademisoye Abiodun (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. H);

10) Illi apparti mill-ħajja personali tagħha, ir-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' Christiana Bosede Ademisoye Abiodun anke fil-ħajja professjonali tagħha fejn taħdem bħala Qualified Staff Nurse.

11) Illi peress illi l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonnux bidla tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' affidavit maħluf awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi għandha is-setgħa illi tagħmel dan ai termini tal-artikoli 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qiegħda tippreżenta il-proċeduri odjerni.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, jogħġobha;

1) Tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-ħtieġa illi issir annotazzjonijiet fl-att tat-twelid għandu in-numru ta' iskrizzjoni ħames mija u ħmistax tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (515/2021) u/jew fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni elf u erbgħa u sebgħin tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (1074/2021) għandu jitniżżel illi ir-rikorrenti għandha il-kunjom ta' Ademisoye Abiodun.

2) Tordna illi għalhekk ir-rikorrenti għandha tkun magħrufa ġewwa Malta bl-isem ta′ Christiana Bosede Ademisoye Abiodun.

3) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl- fl-att tat-twelid għandu in-numru ta′ iskrizzjoni ħames mija u ħmistax tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (515/2021) u/jew fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti bin-numru ta′ iskrizzjoni elf u erbgħa u sebgħin tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (1074/2021) isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni appositi illi kunjom ir-rikorrenti huwa Ademisoye Abiodun.

Bl-ispejjeż kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.′.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. ‘Illi in vena preliminari, huwa essenzjali ghall-integrità tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob korrezjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi skont l-Att tat-Twelid taghha, ippreżentat minna stess, anness mar-rikors promotur u mmarkat 'Dok A', l-isem li llegalment jappartjeni lilha huwa "Christiana Bosede Ademisoye' u mhux 'Christiana Bosede Ademisoye Abiodun';

2. Illi ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

4. Illi mill-att tat-twelid tar-rikorrenti, innumerat 515/2021, jirriżulta illi hija twieldet f'Mushin, Lagos, in-Niġerja, u li ingħatat l-isem Christiana Bosede Ademisoye. Dan kien iddikjarat mir-rikorrenti nnifisha meta talbet illi ssir ir-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid tagħha f'Malta, wara li akkwistat iċ-ċittadinanza Maltija. Kopja tad-dokumenti li hija ppreżentat mat-talba sabiex jiġi rreġistrat l-att tat-twelid tagħha f'Malta qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1;

5. Illi mat-talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Christiana Bosede Ademisoye, id-Direttur konvenut kien fornut ukoll bl-att tat-twelid esteru tagħha, liema att qed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. DRP 2. L-esponent jissottolinea illi reġistrazzjoni ta' att tal-istat ċivili esteru ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-att esteru u jirreġistra l-istess ad verbatim fuq dak Malti, u għalhekk huwa evidenti illi l-att tat-twelid lokali tar-rikorrenti jirriproduċi d-dettalji li jinsabu fuq l-att esteru. Isegwi għalhekk illi ma sar ebda żball da parti tal-esponent;

6. Illi r-rikorrenti talbet ukoll li jiġi rreġistrat l-att taż-żwieġ tagħha f'Malta, u ssottomettiet dikjarazzjoni ġuramentata rigward il-kunjomijiet tal-miżżewġin għal dan il-għan. Kopja tad-dikjarazzjoni msemmija qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 3. Minn tali dikjarazzjoni, jirriżulta illi r-raġel għażel li jużа l-kunjom 'Ademisoye Abiodun' wara ż-żwieġ, filwaqt li l-mara għażlet li tuża l-kunjom Ademisoye'. Għalhekk huwa evidenti li

ma sar ebda żball da parti tal-esponent meta kien irregistrat l-att taż-żwieg innumerat 1074/2021;

7. Illi bhala evidenza ta' dak sottomess minna, r-rikorrenti taghat lid-Direttur intimat kopja tal-passaport Nigerjan taghha li nhareg fl-24 ta' Lulju 2019 u li kien validu sat-23 ta' Lulju 2024. Din il-kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 4, u minna jirriżulta li minkejja li ż-żwieg tar-rikorrenti jmur lura ghas-sena 2000, sal-2019 kunjomha fuq il-passaport kien 'Ademisoye';

8. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti tispjega illi fin-Nigerja n-nisa jkollhom ghazla li jadottaw kunjom żewghom wara ż-żwieg billi jippreżentaw affidavit guramentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Gholja. Hija tispjega illi segwiet din il-procedura, u li wara ż-żwieg ghażlet li tadotta kunjom żewgha 'Ademisoye Abiodun';

9. Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-ahjar u sodisfaċenti f'ghajnejn il-ligi u li jkunu rrispettati r-regoli procedurali;

10. Illi fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet talba attriċi, l-esponent jissottometti illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mitlubin mir-rikorrenti, m'ghandu jsir ebda tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti nnumerat 515/2021 stante illi l-proċedura li allegatament saret fin-Nigerja affetwat biss kunjom il-mara wara z-Zwieg, u ghalhekk isegwi illi l-annotazzjoni relattiva ghandha ssir biss fuq l-att taż-żwieg innumerat 1074/2021;

11. Illi fil-fehma tal-esponent ikun ukoll opportun illi r-rikorrenti tispjega kif fuq l-att taż-zwieg taghha jidher l-isem Samuel' f'isimha, b'tali mod li l-isem shih tar-rikorrenti jidher li huwa 'Cristiana Bosede Samuel Ademisoye', u dan minkejja li l-isem 'Samuel' la jidher fl-att tat-twelid taghha u lanqas jidher fuq il-passaporti Nigerjani li kellha fil-pussess taghha;

12. Illi finalment u bla hsara ghall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tieghu u ghalhekk m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjeż tal-kawza istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.'.

Rat illi llum stess intalab korrezzjoni fl-okkju skont l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi din il-Qorti laqghet it-talba u rat illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku konsegwentement irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 23A tal-process;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti llum stess;

In vista tal-provi kollha esebiti fl-atti u in vista tax-xhieda tar-rikorrenti tallum stess il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija

gjustifikata hlief ghal dak li qed jintalab dwar ic-certifikat tat-twelid.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sakemm dawn huma inkompatibbli ma′ dak hawn deciz;

2. Tilqa′ l-ewwel talba limitatament u tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-htiega illi jsiru annotazzjonijiet fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru ta′ iskrizzjoni elf u erbgha u sebghin tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (1074/2021) fejn ghandu jitniżżel illi r-rikorrenti ghandha il-kunjom ta′ Ademisoye Abiodun;

3. Tilqa′ t-tieni talba u tordna illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tkun maghrufa gewwa Malta bl-isem ta′ Christiana Bosede Ademisoye Abiodun.

4. Tilqa′ t-tielet talba limitatament u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru ta′ iskrizzjoni elf u erbgha u sebghin tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (1074/2021) isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonni appositi illi kunjom ir-rikorrenti huwa Ademisoye Abiodun.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' April, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' April, 2022**